

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 62/2010

tal-11 ta' Ġunju 2010

li temenda l-Anness II (Regolamenti tekniċi, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, minn issa 'l quddiem imsejjaħ "il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness II tal-Ftehim kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 43/2009 tal-24 ta' April 2009 ⁽¹⁾.
- (2) Direttiva 2009/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li għandha x'taqsam mal-ispazju għall-immuntar tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti (Verżjoni kodifikata) ⁽²⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (3) Direttiva 2009/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar imqabad tal-idejn għall-passiġġieri għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti (Verżjoni kodifikata) ⁽³⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (4) Direttiva 2009/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-ales u indikaturi għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti (Verżjoni kodifikata) ⁽⁴⁾ għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.
- (5) Id-Direttiva 2009/62/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/94/KEE ⁽⁵⁾ li hi inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim.
- (6) Id-Direttiva 2009/79/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/32/KEE ⁽⁶⁾ li hi inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim.
- (7) Id-Direttiva 2009/80/KE tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 93/29/KEE ⁽⁷⁾ li hi inkorporata fil-Ftehim u li għalhekk għandha titħassar skont il-Ftehim.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Kapitolu I tal-Anness II mal-Ftehim għandu jiġi emendat kif ġej:

1. It-test tal-punt 45i (id-Direttiva tal-Kunsill 93/29/KEE) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"32009 L 0080: Id-Direttiva 2009/80/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar l-identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-ales u indikaturi għal vetturi bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 202, 4.8.2009, p. 16)."

⁽¹⁾ ĠU L 162, 25.6.2009, p. 20.

⁽²⁾ ĠU L 198, 30.7.2009, p. 20.

⁽³⁾ ĠU L 201, 1.8.2009, p. 29.

⁽⁴⁾ ĠU L 202, 4.8.2009, p. 16.

⁽⁵⁾ ĠU L 311, 14.12.1993, p. 83.

⁽⁶⁾ ĠU L 188, 29.7.1993, p. 28.

⁽⁷⁾ ĠU L 188, 29.7.1993, p. 1.

2. It-test tal-punt 45 l (id-Direttiva tal-Kunsill 93/32/KEE) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“**32009 L 0079:** Direttiva 2009/79/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar imqabad tal-idejn għall-passiġġieri għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 201, 1.8.2009, p. 29).”

3. It-test tal-punt 45q (id-Direttiva tal-Kunsill 93/94/KEE) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“**32009 L 0062:** Direttiva 2009/62/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li għandha x'taqsam mal-ispazju għall-immuntar tal-pjanċa tar-reġistrazzjoni ta' wara ta' vetturi bil-mutur b'żewġ jew tliet roti (Verżjoni kodifikata) (OJ L 198, 30.7.2009, p. 20).”

Artikolu 2

It-testi tad-Direttivi 2009/62/KE, 2009/79/KE u 2009/80/KE li għandhom jiġu ppubblikati fl-ilsien Islandiż u dak Norveġiż, fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar it-12 ta' Ġunju 2010, kemm-il darba ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE, u fis-Suppliment taż-ŻEE, ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' Ġunju 2010.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Alan SEATTER

(*) Mhuma indikati l-ebda rekwiżiti kostituzzjonali.